

Brussell, 15 ta' Novembru 2018
(OR. en)

13949/18

AUDIO 97
CULT 138
DIGIT 220
COMPET 745
FISC 442
PI 156
EDUC 405

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.: EDUC 396	13923/18 AUDIO 94 CULT 134 DIGIT 219 COMPET 738 FISC 438 PI 154
Suġġett:	Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-kontenut Ewropew fl-ekonomija diġitali - Adozzjoni

Fil-laqgħa tiegħu fl-14 ta' Novembru 2018 il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti nnota li issa kien hemm qbil unanimu dwar il-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' hawn fuq

Il-Kunsill huwa għaldaqstant mistieden jadotta l-Konklużjonijiet abbażi tat-test meħmuż u jibgħathom għall-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali.

Abbozz ta'

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-kontenut Ewropew fl-ekonomija diġitali

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

filwaqt li jfakkar fl-isfond politiku ta' din il-kwistjoni kif jinsab fl-Anness¹,

JIRRIKONOXXI LI

1. is-setturi li jipproduċu l-kontenut u li jiddistribwixxu l-kontenut, li jinkludu l-kontenut u x-xogħlijiet mill-media (b'kontenut awdjoviżiv, stampat u online) kif ukoll setturi kulturali u kreattivi oħrajn, huma pilastri essenzjali għall-iżvilupp soċjali u ekonomiku tal-Ewropa. Il-kwalità u d-diversità tal-kontenut Ewropew huma inerenti għall-identità Ewropea u essenzjali għad-demokrazija u l-inklużjoni soċjali, kif ukoll għal industriji Ewropej tal-media, kulturali u kreattivi li jkunu vivaċi u kompetittivi. Dawn is-setturi jsaħħu wkoll is-setgħa ta' perswazzjoni tal-Ewropa globalment. Bl-effetti trasversali tagħhom, huma jrawmu l-innovazzjoni, il-kreattività u l-ġid f'oqsma oħra;
2. it-teknoloġiji diġitali u online huma opportunità liema bħalha biex titrawwem era ġdida ta' kreattività Ewropea. Huma jagħtu wkoll il-possibbiltà li jiżdied l-aċċess għall-kontenut kulturali Ewropew u li jiġi ppreservat, promoss u mxerred il-wirt kulturali Ewropew tagħna per eżempju bl-użu tar-realtà virtwali. It-teknoloġiji diġitali jippermettu lill-atturi kollha jiksbu ħiliet u għarfien ġodda, jiżviluppaw servizzi, prodotti u swieq ġodda u jilħqu udjenzi ġodda. Il-pjattaformi online, b'mod partikolari l-media soċjali u l-pjattaformi ta' kondiviżjoni tal-filmati, jagħtu aċċess għal varjetà enormi ta' kontenut, speċjalment minn partijiet terzi, lil għadd kbir ta' utenti fl-Unjoni Ewropea u mad-dinja kollha;

¹ L-anness jelenka d-dokumenti rilevanti b'rabta mal-kwistjonijiet inkwistjoni (komunikazzjonijiet tal-KE, atti leġislattivi, konklużjonijiet tal-Kunsill, eċċ.).

3. fl-istess ħin, l-użu tat-teknoloġiji diġitali u online jippreżenta sfidi għas-setturi tal-Ewropa b'mod ġenerali li jipproduċu l-kontenut u li jiddistribwixxu l-kontenut. L-atturi kollha għandhom jadattaw l-istrateġiji tan-negozju tagħhom, jiżviluppaw ħiliet ġodda, iwessgħu l-għarfien tagħhom, jirriformaw l-istruttura tal-organizzazzjonijiet tagħhom u jevalwaw il-mudelli ta' finanzjament u ta' produzzjoni/distribuzzjoni tagħhom. L-użu akbar tad-data qiegħed ikollu impatt dejjem akbar fuq il-katini ta' valur fil-livelli kollha. Dawn l-iżviluppi għandhom ukoll influwenza enormi fuq l-aspettattivi u l-imġiba tal-utenti;
4. it-trasformazzjoni diġitali ssawret b'mod sinifikanti mill-pjattaformi online globali. B'mod partikolari l-mudelli tan-negozju ggwidati mill-algoritmi ta' dawk il-pjattaformi online li joffru kontenut kulturali u kreattiv, inkluż il-kontenut tal-media, u li huma msejsa fuq id-distribuzzjoni personalizzata ta' kontenut u reklamar maħsub għall-utenti qajmu kwistjonijiet dwar it-trasparenza, id-diżinformazzjoni, il-pluraliżmu tal-media, it-tassazzjoni, ir-remunerazzjoni tal-kreaturi tal-kontenut, il-protezzjoni tal-privatezza, il-promozzjoni tal-kontenut u d-diversità kulturali;
5. tajjeb li jiġu enfasizzati l-prijoritajiet politiċi li ġejjin fuq l-aġenda tal-Unjoni Ewropea:
 - A. Trawwim tad-diversità, il-viżibbiltà u l-innovazzjoni
 - B. Stabbiliment ta' kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni
 - C. Tisħiħ tal-fiduċja fl-informazzjoni u s-sorsi
 - D. Titjib tal-ħiliet u l-kompetenzi.
6. fid-dawl tal-iżviluppi msemmija hawn fuq u b'kont meħud tal-interessi taċ-ċittadini, jeħtieġ li l-Kunsill iwieġeb b'mod komprensiv u mingħajr preġudizzju għan-negozjati li għaddejjin dwar il-proposti leġiżlattivi u dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss;

A. TRAWWIM TAD-DIVERSITÀ, IL-VIŻIBBILTÀ U L-INNOVAZZJONI

JISSOTTOLINJA LI

7. il-pluraliżmu tal-media huwa importanti biex jiżgura li ċ-ċittadini jkollhom aċċess għal firxa ta' informazzjoni u fehmiet. Il-kollaborazzjoni transkonfinali bejn l-atturi tas-settur tal-media tista' tgħin biex tintlaħaq il-massa kritika u jintlaħqu udjenzi akbar. Il-konċentrazzjoni eċċessiva tas-setturi li jipproduċu l-kontenut u li jiddistribwixxu l-kontenut tista' thedded l-aċċess taċ-ċittadini għal firxa ta' kontenut;
8. it-teknoloġiji diġitali għandhom il-potenzjal li jiffaċilitaw l-aċċess transkonfinali għal kontenut tal-media, kulturali u kreattiv lingwistikament varjat fl-Ewropa u lil hinn, pereżempju permezz tat-traduzzjoni jew is-sottotitli. Il-pjattaformi attivi fil-qasam tal-industrija kulturali u tal-media fl-Ewropa jistgħu jagħtu kontribut sinifikanti jew billi jipprovdu aċċess għall-kontenut Ewropew jew billi huma stess jipprovdu kontenut jew jipproduċu kontenut Ewropew ġdid;
9. id-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva (AVMSD) riveduta għandha l-għan li tkompli ssaħħaħ il-promozzjoni tal-kontenut awdjoviżiv Ewropew, b'mod partikolari bl-istabbiliment ta' rekwiżiti għall-kondiviżjoni ta' xogħlijiet Ewropej fil-katalgi fuq talba u l-prominenza ta' xogħlijiet bħal dawn fis-servizzi fuq talba. Ewropa Kreattiva MEDIA jakkumpanja l-AVMSD billi jappoġġa ċ-ċirkolazzjoni u l-promozzjoni ta' xogħlijiet awdjoviżivi mhux nazzjonali fl-Ewropa kollha;
10. l-istrumenti adatti ta' appoġġ nazzjonali u tal-UE jista' jkollhom rwol importanti fit-trasformazzjoni diġitali tas-setturi li jipproduċu l-kontenut u li jiddistribwixxu l-kontenut;
11. is-setturi li jipproduċu l-kontenut jeħtieġ li jkunu inklużivi u għandhom jipprovdu firxa varjata ta' fehmiet u perspettivi biex titjeb il-viżibbiltà tal-kontenut varjat Ewropew tal-media, kulturali u kreattiv u li tintlaħaq udjenza akbar;
12. l-organizzazzjonijiet tal-media tas-servizz pubbliku jeħtieġ li jżommu livell għoli u kostanti ta' standards ġurnalistiċi u investiment f'kontenut Ewropew ta' kwalità għolja u jeħtieġ li jkomplu jiżviluppaw modi innovattivi biex dan il-kontenut jasal għand il-pubbliku;

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI, FIL-LIMITI TAL-KOMPETENZI
RISPETTIVI TAGĦHOM, BIEX

13. iħeġġu l-iżvilupp ta' pjattaformi Ewropej kompetittivi, li jipprovdu aċċess għall-kontenut Ewropew u jippromwovu l-ħolqien u l-użu ta' direttorju online ta' films Ewropej;
14. jippromwovu u jappoġġaw, kif adatt, l-inizjattivi u l-ġhodod mhux invażivi li jagħtu inċentiv għall-iskopribbiltà u l-aċċessibbiltà għall-akbar firxa possibbli ta' kontenut u xogħlijiet Ewropej, inkluż kontenut minn pajjiżi żgħar u b'lingwi mhux daqstant mitkellma kif ukoll kontenut ta' interess ġenerali;
15. fejn ikun adatt u possibbli, jiffaċilitaw il-kooperazzjoni bejn il-media tas-servizz pubbliku u l-fornituri tal-media privati bħala mezz biex l-atturi Ewropej ikunu jistgħu jikkompetu aħjar mal-atturi globali u biex jissalvagwardaw il-produzzjoni tal-kontenut Ewropew u l-aċċess għalih f'dinja online;
16. jagħrfu li l-pjattaformi online, bħall-atturi l-oħra kollha, għandhom jaġixxu skont ir-regoli u r-regolamenti fis-setturi tas-suq fejn jagħtu s-servizzi tagħhom;
17. ikomplu jappoġġaw lis-setturi li jipproduċu l-kontenut u li jiddistribwixxu l-kontenut fl-aċċess għall-mezzi finanzjarji u jirrikonoxxu r-rwol tal-koproduzzjoni. Fejn adatt u skont id-dritt tal-Unjoni, sistema kkombinata ta' inċentivi tal-gvern, sorsi privati ta' finanzi (pereżempju kapital ta' riskju, crowdfunding) u l-finanzjament pubbliku jistgħu jikkontribwixxu għal industrija dinamika Ewropea tal-kontenut;
18. jippromwovu approċċi innovattivi fil-qasam tal-iżvilupp tal-udjenza u jqajmu kuxjenza dwar l-importanza li tinġabar u tiġi pproċessata d-data b'mod affidabbli, b'mod partikolari f'konformità mal-leġislazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data u l-privatezza, biex ikun hemm fehim aħjar tal-bżonnijiet u l-aspettattivi tal-gruppi fil-mira u biex il-proċess tal-ħolqien ikun iżjed għani;

19. iżidu d-diversità soċjali fis-settur tal-produzzjoni tal-kontenut u jtejbu l-ugwaljanza bejn is-sessi fir-rigward tal-impjegi, ir-remunerazzjoni ġusta u l-viżibbiltà, u biex iħeġġu r-riċerka indipendenti, inkluż il-ġbir regolari ta' data komparabbli dwar il-proporzjon ta' nisa involuti fil-proċess tal-ħolqien, il-produzzjoni u d-distribuzzjoni;

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI BIEK

20. tkompli tappoġġa u tevalwa regolarment l-Għodda għall-Monitoraġġ tal-Pluraliżmu tal-Media indipendenti għall-valutazzjoni tar-riskji għall-pluraliżmu tal-media fl-UE fl-ambjent diġitali;
21. tirrifletti fuq ir-rwoli dejjem jikbru tal-mudelli tan-negozju online fil-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-kontenut u l-effett tagħhom fuq il-pluraliżmu tal-media;

B. STABILIMENT TA' KONDIZZJONIJET EKWIVALENTI TA' KOMPETIZZJONI

JISSOTTOLINJA LI

22. biex jiġu indirizzati l-isfidi li jiġu mit-trasformazzjoni diġitali tal-ekonomija, is-sistema tat-tassazzjoni jeħtieġ li tiżgura li l-kumpanniji kollha jħallsu s-sehem ġust tagħhom tat-taxxa u li jkun hemm kondizzjonijiet ugwali globalment;
23. għaddejjin diskussjonijiet u riflessjonijiet dwar kif għandhom jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tal-ekosistema futura għall-media diġitali u l-kontenut kulturali u kreattiv, inkluż il-ħtiġijiet tal-konsumatur. B'mod partikolari, dan jikkonċerna d-definizzjoni adatta tas-swieq online u l-kunsiderazzjoni ta' fatturi kompetittivi ġodda, potenzjalment rilevanti bħall-big data, l-algoritmi u l-intelliġenza artifiċjali;
24. twessa' l-ambitu tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva riveduta biex jiġi żgurat li r-regoli kwalitattivi dwar ir-reklamar, il-protezzjoni tal-minorenni minn kontenut ta' ħsara u l-protezzjoni tal-pubbliku ġenerali minn diskors ta' mibegħda u kontenut li jikkostitwixxi reat kriminali huma applikabbli wkoll għall-kontenut awdjoviżiv distribwit minn pjattaformi ta' kondiviżjoni tal-filmati;

25. is-settur tal-produzzjoni tal-kontenut għandu bżonn ta' statistika komparabbli u analiżi tad-data;
26. hemm firxa varjata ta' pjattaformi online li joffru varjetà ta' funzjonijiet u servizzi. Uħud jaggregaw l-informazzjoni u jippermettu t-tiftix, oħrajn jagħtu aċċess, jospitaw u jindicizzaw kontenut u servizzi ddisinjati u/jew operati minn partijiet terzi, oħrajn jiffaċilitaw il-bejgħ ta' prodotti u servizzi (inkluż servizzi awdjoviżivi). Jistgħu wkoll iwettqu diversi funzjonijiet b'mod parallel, u jistgħu wkoll jikklassifikaw jew inkella jaffettwaw l-aċċess għall-kontenut u l-viżibbiltà tiegħu;

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI, FIL-LIMITI TAL-KOMPETENZI RISPETTIVI TAGĦHOM, BIEX

27. jagħrfu r-rilevanza tad-diskussjonijiet li għaddejjin fil-Kunsill b'rabta mat-tassazzjoni tal-ekonomija diġitali;
28. jipromwovu l-ġustizzja billi jiżguraw li l-pjattaformi online ikunu trasparenti fit-termini u l-kondizzjonijiet tagħhom, l-informazzjoni tal-prestazzjoni tagħhom fir-rigward tax-xogħlijiet li jiddistribwixxu, il-parametri tal-elenkar tagħhom, il-prassi tal-klassifikazzjoni tagħhom u l-prattiki ta' reklamar tagħhom li huma inkorporati fis-servizzi tagħhom, mingħajr ma jiksru s-segretezza kummerċjali;
29. iħeġġu rimunerazzjoni ekwa tul il-katina tal-valur diġitali;
30. ikompli jaħdmu għall-ħolqien ta' kondizzjonijiet li fihom il-kreaturi tal-kontenut Ewropew, inkluż il-professjonisti kulturali u tal-media, jistgħu jikkapitalizzaw l-opportunitajiet li għib magħha l-ekonomija diġitali.

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI BIEX

31. tkompli bl-isforzi tagħha biex tiżgura kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fis-setturi tal-kontenut Ewropew fejn il-pjattaformi online huma attivi, b'kont meħud tad-daqsijiet u t-tipi speċifiċi ta' pjattaformi;
32. tirrifletti, fid-dawl tal-iżviluppi fl-ekosistema għall-media diġitali u l-kontenut kulturali u kreattiv, fuq kif jiġi evitat kull tip ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni;

33. tkompli tirrifletti mal-Istati Membri biex tkun żgurata ċ-ċertezza legali rigward l-attivitajiet tal-pjattaformi online fl-ekosistema għall-media diġitali u l-kontenut kulturali u kreattiv, fost l-oħrajn, fid-dawl tad-Direttiva dwar il-Kummerċ Elettroniku;

C. TISĦIĦ TAL-FIDUĊJA FL-INFORMAZZJONI U S-SORSI

JISSOTTOLINJA LI

34. fl-isfond tax-xenarji ta' informazzjoni frammentati u t-theddid għas-sigurtà nazzjonali, il-media professjonali għandha rwol ewlieni fil-produzzjoni, id-disseminazzjoni u l-verifika tal-informazzjoni u b'hekk hija indispensabbli għad-diskors pubbliku. F'dan il-kuntest, ir-rwol tal-media tas-servizz pubbliku indipendenti fis-salvagwardja tad-demokrazija, il-pluraliżmu, il-koeżjoni soċjali u d-diversità kulturali u lingwistika għadu essenzjali. Barra minn hekk, ħafna atturi tal-media privati jipproduċu kontenut li huwa wkoll fl-interess pubbliku. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jissottolinja l-importanza tal-litteriżmu fil-media u l-kritika tas-sors miċ-ċittadini kif ukoll jinnota l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar id-diżinformazzjoni;
35. il-pluraliżmu tal-media, li jiddependi mill-eżistenza ta' diversità ta' sjieda tal-media u d-diversità tal-kontenut kif ukoll il-ġurnaliżmu indipendenti, huwa element ewlieni ta' sfida għall-firxa tad-diżinformazzjoni u biex ikun żgurat li ċ-ċittadini Ewropej ikunu infurmati tajjeb. Il-kooperazzjoni u l-alleanzi f'dawn is-setturi jista' jkollhom effetti pożittivi għall-atturi tagħhom fir-rigward tas-sostenibbiltà u l-kompetittività ekonomika f'kuntest globali;
36. peress li l-kontenut qiegħed jiġi distribwit dejjem aktar permezz tal-pjattaformi online, il-Kunsill jinnota l-isforzi tal-Kummissjoni biex tiġġieled il-kontenut illegali online u d-distribuzzjoni illegali tal-kontenut;
37. kundizzjonijiet siguri tax-xogħol għall-ġurnalisti huma essenzjali fix-xenarju tal-media li qed jinbidel sabiex jiġi żgurat ġurnaliżmu professjonali u indipendenti;
38. l-informaturi għandhom rwol importanti fit-tisħiħ tal-ħidma tal-ġurnalisti u l-istampa indipendenti, fil-qadi tar-rwol tagħhom bħala għassies pubbliku;

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI, FIL-LIMITI TAL-KOMPETENZI
RISPETTIVI TAGĦHOM, BIEX

39. isaħħu l-ekosistema tal-media Ewropea sabiex ikunu żgurati l-produzzjoni sostenibbli u l-viżibbiltà tal-ġurnaliżmu professjonali bħala mod kif tissaħħaħ il-pożizzjoni taċ-ċittadini, titħares id-demokrazija u jkun hemm ġlieda effettiva kontra l-firxa tad-diżinformazzjoni;
40. jiżguraw il-protezzjoni effettiva tal-ġurnalisti u atturi oħra tal-media kif ukoll is-sorsi tagħhom, fost l-oħrajn fil-qasam tal-ġurnaliżmu investigattiv;
41. jippromwovu l-ġurnaliżmu professjonali fl-Istati Membri kollha u jħeġġu l-ġurnaliżmu transkonfinali permezz tal-iżvilupp tal-ħiliet, it-taħriġ u l-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda fil-kmamar tal-aħbarijiet;
42. iħeġġu l-ġurnaliżmu indipendenti u jħarsu lill-ġurnalisti minn influwenza indebita;
43. jippromwovu d-distribuzzjoni legali tal-kontenut u jqisu l-importanza li titnaqqas id-distribuzzjoni illegali u l-użu mhux awtorizzat ta' kontenut kreattiv;
44. jiżguraw il-fluss liberu ta' informazzjoni, u aċċess akbar għalih, għall-benefiċċju tal-media u l-pubbliku, bit-titjib tat-trasparenza tal-gvern pubbliku u l-libertà tal-media u t-tisħiħ tal-pożizzjoni taċ-ċittadini biex igawdu l-libertà tal-espressjoni tagħhom;

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI BIEX

45. tkompli tappoġġa l-proġetti li jissorveljaw il-libertà tal-media u l-pluraliżmu tal-media u tagħti għajna legali u prattika lill-ġurnalisti u l-prattikanti tal-media li jkunu mhedda;
46. tkompli bil-monitoraġġ regolari tal-Kodiċi ta' Prattika dwar id-Diżinformazzjoni u tinforma lill-Istati Membri dwar l-effetti tal-implimentazzjoni tiegħu, speċjalment fid-dawl tal-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew fl-2019;
47. ittejjeb it-trasparenza u l-prevedibbiltà tal-għajna mill-Istat fil-kuntest tal-ekosistema tal-media diġitali kif ukoll dik kulturali u kreattiva u tagħmel disponibbli repożitorju online faċli għall-utent b'referenza għar-regoli dwar l-għajna mill-Istat u l-każistika rilevanti;

D. TITJIB TAL-HILJET U L-KOMPETENZI

JISSOTTOLINJA LI

48. l-iżviluppi ġodda joħolqu l-ħtieġa għal kapaċitajiet ġodda. Il-litteriżmu fil-media huwa fattur deċiżiv kemm għall-utenti kif ukoll għall-kreaturi tal-kontenut. Fl-istess ħin il-professjonisti mill-industrija tal-kontenut jeħtieġ li jkunu mgħammra b'taħlita ta' ħiliet kreattivi, diġitali u intraprenditorjali li jippermettulhom jagħmlu dak kollu li jistgħu mit-teknoloġiji eżistenti u li qed ifeġġu;

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI, FIL-LIMITI TAL-KOMPETENZI RISPETTIVI TAGĦHOM, BIEX

49. jippromwovu u jappoġġaw il-litteriżmu fil-media u l-litteriżmu diġitali sabiex ikompli jiġi żviluppat approċċ kritiku fost iċ-ċittadini lejn il-kontenut tal-media distribwit jew promoss u jħeġġu aktar taħriġ fil-litteriżmu fil-media u diġitali fost il-professjonisti tal-media;
50. jadattaw il-programmi ta' taħriġ, kompetenza u promozzjoni sabiex dawn ikunu allinjati aktar mill-qrib mal-użu tal-media u t-teknoloġiji kemm antiki kif ukoll ġodda, bħall-prinċipji tal-ġurnaliżmu ta' kwalità, il-litteriżmu viżwali, l-intelliġenza artifiċjali, it-teknoloġija blockchain, ir-realtà virtwali u l-analitika tad-data. L-iżgurar ta' kondizzjonijiet kemm għar-riċerka f'media ta' kwalità għolja kif ukoll l-edukazzjoni dwar il-ġurnaliżmu huma fatturi kruċjali għas-sostenn ta' xenarju tal-media Ewropea ta' kwalità għolja;
51. jistabbilixxu djalogu strutturat bejn l-istudenti, l-akkademiċi u l-industrija sabiex titrawwem l-innovazzjoni fis-setturi tal-produzzjoni tal-kontenut, u jisfruttaw il-potenzjal tad-diversità kreattiva u kulturali għall-innovazzjoni.

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI BIEX

52. ittejjeb il-litteriżmu fil-media permezz tal-appoġġ għall-inizjattivi edukattivi maħsubin kemm għall-istudenti kif ukoll għall-edukaturi professjonali u professjonisti oħra bħal librara u ġurnalisti kif ukoll permezz ta' kampanji mmirati li jqajmu kuxjenza fis-soċjetà ċivili.

Konklużjonijiet tal-Kunsill

- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Politika Awdjoviżiva Ewropea fl-Era Diġitali, 3.12.2014, 2014/C 433/02
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar kollegamenti kulturali u kreattivi biex jiġu stimulati l-innovazzjoni, is-sostenibbiltà ekonomika u l-inklużjoni soċjali, 27.5.2015, 2015/C 172/13
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-iżvilupp tal-litteriżmu fil-media u l-ħsieb kritiku permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ, 14.6.2016, 2016/C 212/05
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-aċċess għall-kultura permezz ta' mezzi diġitali b'enfasi fuq l-iżvilupp tal-udjenza, 12.12. 2017, 2017/C 425/04

Atti leġislattivi

- Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern (Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku), 8.6.2000, 2000/31/KE
- Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni, 22.5.2001, 2001/29/KE
- Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva), 10.3.2010, 2010/13/UE
- Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva (2014 sal-2020), 11.12.2013, Nru 1295/2013

Komunikazzjonijiet u rakkomandazzjonijiet mill-Kummissjoni

- Komunikazzjoni mill-Kummissjoni Strateġija għal Suq Uniku Diġitali għall-Ewropa, 6.5.2015, COM(2015) 192 final
- Komunikazzjoni mill-Kummissjoni Pjattaformi Online u s-Suq Uniku Diġitali, Opportunitajiet u Sfidi għall-Ewropa, 25.5.2016, COM(2016) 288 final
- Komunikazzjoni mill-Kummissjoni Nindirizzaw il-Kontenut Illegali Online -Lejn aktar responsabbiltà fir-rigward tal-pjattaformi online, 28.9.2017, COM(2017) 555 final
- Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar miżuri biex jiġi indirizzat b'mod effettiv il-kontenut illegali online, 1.3.2018, UE(2018) 334 final

- Komunikazzjoni mill-Kummissjoni Intelliġenza Artifiċjali għall-Ewropa, 25.4.2018, COM(2018) 237 final
- Komunikazzjoni mill-Kummissjoni L-indirizzar tad-diżinformazzjoni online: Approċċ Ewropew, 26.4.2018, COM(2018) 236 final
- Komunikazzjoni mill-Kummissjoni Aġenda Ġdida Ewropea għall-Kultura, 22.5.2018, COM(2018) 267 final

Ftehimiet internazzjonali

- Konvenzjoni tal-UNESCO dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali, 20.10.2005
